31980R1192

19.5.1980 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 123/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1192/80

tas-26 ta' Marzu 1980

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim f'forma ta' skambju ta' ittri li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda bl-iskop li jaġġusta ċerti speċifikazzjonijiet tat-tariffi

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment Artikolu 113 tieghu

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi bħala konsegwenza ta' l-emendi li jirriżultaw mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Ko-operazzjoni Doganali tat-18 ta' Ġunju 1976 u ta' ċerti bidliet awtonomi fit-Tariffa Doganali Komuni u t-Tariffa Doganali ta' l-Islanda, ċerti speċifikazzjonijiet tat-tariffi fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda [1] għandhom ikunu aġġustati;

Billi, barra minn hekk, huwa meħtieġ li jkun emendat il-Ftehim imsemmi hawn fuq sabiex tkun stabbilita proċedura sempliċi biex ikunu aġġustati l-ispeċifikazzjonijiet tat-tariffi fil-każ ta' aktar emendi fit-tariffi tal-Partijiet Kontraenti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim f'forma ta' skambju ta' ittri li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim biex b'hekk torbot 'il Komunità.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jgħodd b'effett mill-1 ta' Jannar 1980.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Marzu 1980.

Għall-Kunsill

Il-President

G. MARCORA

[1] ĠU L 301, 31.12.72, p. 2.